MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 518/2012

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li gie ikkonfermat minnha bil-gurament, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-esponenti kienet izzewget lill-intimat nhar il-21 ta’ Mejju 1995 (vide certifikat taz-zwieg Dok. ‘A’) ;

2. Illi minn tali zwieg huma kellhom zewgt’ itfal, tifla bl-isem ta’ D u tifla bl-isem ta’ N li t-tnejn ghadhom minorenni ;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia datat erbgha (4) ta' Gunju 2007 (vide Dok. 'B').

4. Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment aktar minn hames snin u ghalhekk huma ilhom aktar minn erbgha snin ma jghixu flimkien.

5. Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw.

6. Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet u l-ulied m'ghandhomx jircievu mantenimenti la minghand ir-rikorrenti u lanqas minghand l-intimat peress illi skont il-kuntratt surriferit it-tifel minuri D jirrisjedi mal-missier u t-tifla N tirrisjedi mal-omm u ghalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u l-intimat mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qrati javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi peress illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta’ Gunju, 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet, lanqas fil-konfront tal-ulied;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------